



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2539/2013, imressqa minn Landa Iker Aramendia, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar il-konformità f'Navarra (Spanja) mad-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta ssostni li x-xogħol biex tiżdied il-kapaċità tal-baċir tal-ilma f'Yesa, Navarra (minn 470 Hm³ għal 1 521 Hm³), li beda fl-2001, jista' jwassal għal riskju serju ta' għargħar fl-inħawi tal-madwar.

Minkejja numru ta' protesti u rapporti minn ċittadini lokali u minn esperti indipendenti, il-pjan ta' estensjoni tkompla. Il-petizzjonanta ssostni wkoll li kien hemm għadd ta' twissijiet ta' għargħar u emerġenzi fi snin riċenti u għalhekk titlob konformità stretta mad-Direttiva 2007/60/KE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Ottubru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Qabel ma waslet dil-petizzjoni, il-Kummissjoni rċeviet mill-Parlament żewġ Mistoqsijiet relatati, li huma s-segwenti:

- Mistoqsija E-000003/2014 mill-MPE Iñaki Irazabalbeitia Fernández bis-suġġett: Ir-riżerva ta' Yesa u uqigħ tal-art, u

- Mistoqsija E-007354/2014 mill-MPE Iosu Juaristi Abaunz bis-suġġett: Il-konformità tal-espansjoni tar-riżerva ta' Yesa ma' direttivi tal-UE dwar l-ilma u l-għargħar.

Il-Kummissjoni fi Frar 2014 staqsiet lill-awtoritajiet Spanjoli biex jiżguraw li n-nuqqas li d-diġa ta' Yesa tiġi klassifikata bħala Żona b'Riskju Potenzjali Sinifikanti ta' Għargħar taħt id-Direttiva dwar l-Ghargħar¹ mhijiex żvista.

Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba mill-awtoritajiet Spanjoli f'April 2014 li tiddikjara li n-nuqqas ta' indikazzjoni taż-żona madwar ir-riżerva ta' Yesa bħala żona ta' riskju potenzjali ta' għargħar hija minħabba l-fatt li ċ-ċirkostanzi oġġettivi li kieku jagħmlu dan applikabbli ma jeżistux, kif muri mill-konsultazzjoni pubblika rigward id-definizzjoni ta' tali żoni. Barra minn hekk, Spanja infurmat lill-Kummissjoni li qed timplimenta miżuri relevanti speċjali addizzjonali biex tiżgura li x-xogħol biex tizzied il-kapaċità tar-riżerva ta' Yesa jiġi mwettaq bil-garanziji meħtieġa fil-qasam tas-sikurezza.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sitwazzjoni deskritta mill-petizzjonanta. Madankollu, imiss lill-awtoritajiet Spanjoli jivvalutaw jekk is-sitwazzjoni deskritta fil-Petizzjoni tagħtix lok għall-riskji ta' għargħar. Taħt id-Direttiva dwar l-Għargħar, miżuri rigward l-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri skont iċ-ċirkostanzi lokali u reġjonali. Għaldaqstant, peress li mill-Petizzjoni ma jidherx li l-Petizzjonanta indirizzat lill-awtoritajiet nazzjonali relevanti, il-Petizzjonanta hija ġentilment mistiedna biex tindirizza lill-Ministeru Spanjol għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Petizzjoni hija datata Novembru 2013, jiġifieri hija datata qabel it-tweġiba li l-Kummissjoni rċeviet mill-awtoritajiet Spanjoli dwar l-istess suġġett. Isegwi li t-tweġiba għadha tista' titqies relevanti.

Abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li tieħu azzjoni ulterjuri f'dan l-istadju.

¹ Direttiva 2007/60/KE, ĠU L 288, 6.11.2007.